# Id-Djalett Żejtuni u l-Istudju tiegħu

Kitba ta' Madeline Micallef B.A (Hons) (Melit.)




Is-sajf ta' sentejn ilu kien wieħed impenjattiv għalija, dan għaliex ridt inħejji għar-riċerka tat-teżi tiegħi li ġġib l-isem ta' 'L-omm u t-tfal: fir-Raħal ta' Fuq u r-Raħal t'Isfel fiż-Żejtun.' It-triq ta' din ir-riċerka ma kinitx waħda faċli, anzi sibt bosta diffikultajiet, iżda llum meta nħares lejn ir-riċerka li għamilt inħossni sodisfatta għaliex raddejt xi ħaġa lura lil raħal twelidi.

Iċ-ċittà pittoreska Beland hija waħda mill-eqdem irħula li għandna fi gżiritna u xhieda ta' dan għandna għadd ta' bini storiku kif ukoll fdalijiet qodma. Għalkemm bosta mill-abitanti jirreferu għaż-Żejtun bħala raħal, fil-verità ż-Żejtun ingħata t-titlu prestiġjuż ta' belt mingħand il-Gran Mastru Hompesch. L-isem Żejtun ġie mogħti lir-raħal tagħna minħabba l-fatt li raħalna kien iħaddem industrija taż-żebbuġ u għalhekk adotta l-isem minn din l-istess industrija. Matul il-medda taż-żmien, din il-belt attirat l-attenzjoni ta' studjużi kemm Maltin kif ukoll barranin li rriċerkaw f'diversi oqsma fejn jidħol ir-raħal tagħna.

Il-ħsieb sabiex it-teżi tal-baċellerat tkun titratta d-djalett Żejtuni tmur lura għal tliet snin ilu, meta ħadt sehem għall-ewwel darba fil-konkors letterarju li jtella' l-Kunsill Lokali tar-raħal tagħna. Għadni niftakar li l-aktar parti li kont fuq ix-xwiek għaliha, kienet proprju tar-rakkonti djalettali. Għal min qatt m'attenda f'din il-parti tas-serata awturi mhux stabbilitii jippreżentaw storja miktuba bid-djalett tar-raħal tagħna. Niftakar, li dakinhar ħriġt ftit iddiżappuntata għaliex sfortunatament l-ebda żagħżugħ/a ma ppreżenta rakkont bid-djalett u l-parteċipanti kienu kollha mdaħħlin fiż-żmien. Dak il-ħin f'moħħi feġġet il-mistoqsija: 'Imma d-djalett tar-raħal tiegħi fejn wasal?'u 'Għad hawn żgħażagħ li jitkellmu d-djalett Żejtuni?' Minn hawnhekk beda l-proċess tar-riċerka tiegħi.

Hekk kif wasal iż-żmien li nfassal ir-riċerka tiegħi mat-tutur mill-ewwel għarraftu b'dak li kelli f'moħħi. It-tutur inkoraġġieni sabiex fir-riċerka nistudja ommijiet Żwieten li għandhom bejn it-tletin u l-ħamsin sena. Wieħed forsi jistaqsi għalfejn studjajt lill-ommijiet u mhux liż-żewġ ġenituri. Ir-risposta tiegħi hi li minħabba l-fatt li meta kont qed nirriċerka u naqra diversi kotba sibt li l-omm hija figura importanti f'ħajjet it-tfal u bejniethom hemm rabta qawwija. Dan minħabba li l-omm iġġorr lit-tarbija għal disa' xhur sħaħ u f'dawk id-disa' xhur it-tarbija tassorbi kemm il-vuċi tal-omm kif ukoll il-lingwa. Għalhekk għal din ir-riċerka l-omm qisha bħala s-sors primarju fejn id-diskors jgħaddi għal għand it-tfal.

Wieħed forsi jistaqsini imma għalfejn qbadt ommijiet li għandhom bejn it-30 u l-50 sena? L-għan ta' dan l-istudju kien sabiex nindaga u nara jekk il-ġenerazzjoni preżenti (li għandna bħalissa) għadhomx jitkellmu bid-djalett Żejtuni waqt li jkunu qegħdin jiddjalogaw mat-tfal tagħhom. Ħafna huma tal-idea li d-djalett huwa xi ħaġa 'antika' u allura ma jimmaġinawx li t-tfal tagħhom ikellmuhom b'din it-tip ta' lingwa għaliex hija lingwa 'kerha'. Fir-riċerka tiegħi kien hemm restrizzjoni wkoll dwar l-etajiet tat-tfal. Infatti, l-etajiet tat-tfal riedu jkunu bejn il-11 u s-17-il sena. Qbadna proprju din l-età għaliex din l-età għada pitgħada ser tkun il-ġenerazzjoni t'għada u għalhekk it-tfal huma indikazzjoni ċara ta' jekk fil-futur hux ser inkomplu nisimgħu d-djalett fit-toroq u l-pjazez tar-raħal tagħna.

**Id-diglossja - Iż-żewġ varjetajiet:**
Fenomenu ewlieni li ilu jeżisti u baqa' jitraxxendi sas-seklu 21. Id-diglossja huwa l-fenomenu li qed nitkellem dwaru. Id-diglossja hija sitwazzjoni lingwistika fejn fil-Malti għandna żewġ varjetajiet:

il-varjetà l-għolja u l-varjetà l-baxxa. Il-varjetà l-għolja hija dik il-varjetà użata f'oqsma importanti tas-soċjetà, bħal ngħidu aħna fis-settur edukattiv, liturġiku jew fil-qasam ġudizzjarju. Din il-varjetà għalhekk tiġi mitkellma f'sitwazzjoni formali; bħal ngħidu aħna meta nitkellmu ma' xi stranġier. Fi kliem ieħor il-varjetà l-għolja hija kkodifikata u għalhekk ġew miktubin dizzjunarji u grammatiki sabiex din il-varjetà tiġi ppriservata u ma tintilifx. Min-naħa l-oħra l-varjetà l-baxxa tiġi mitkellma f'sitwazzjoni formali jiġifieri fid-dar, fit-triq u mal-ħbieb. Din il-varjetà ma tiġix ikkodifikata jew mgħallma, għalhekk din il-varjetà tibqa' tinstema' fil-pjazez tagħna skont kemm tintiret minn ġenerazzjoni għall-oħra permezz tal-fomm. Fil-ħajja ta' kuljum insibu li l-perċezzjoni ta' nies li jitkellmu bid-djalett hekk kif isibu ruħhom f'sitwazzjoni formali, jiġifieri f'diskursata ma' stranġier, it-tendenza tkun li jippruvaw jirranġaw il-lingwa djalettali sabiex tinstema' aktar formali minħabba l-fatt li ma jħossuhomx komdi li jitkellmu bid-djalett. Min-naħa l-oħra jekk kelliem tad-djalett isib ruħu f'sitwazzjoni informali jiġifieri jkun qiegħed jitkellem ma' ħabib tiegħu, il-kelliem tad-djalett ma jiddejjaqx jitkellem bid-djalett għaliex iħossu komdu. Din id-distinzjoni hija waħda psikoloġika għaliex il-moħħ jagħraf jagħżel li jiddistingwi sitwazzjoni minn oħra u għalhekk il-bniedem jispiċċa sabiex jaddatta l-varjetà lingwistika tiegħu skont is-sitwazzjoni li jsib ruħu fiha inkonxjament.

Ir-riċerka:
F'din ir-riċerka li studjajt u rriċerkajt dwar id-distinzjoni li tista' teżisti fejn jidħol id-djalett bejn ir-raħal ta' fuq u r-raħal t'isfel; bħal fejn jokkorri l-iktar id-djalett jekk mhux fir-raħal ta' fuq jew ir-raħal t'isfel, kif ukoll kif iħarsu lejn id-djalett iż-żewġ żoni.

Waqt l-analiżi li għamilt mir-recordings li kont ksibt mingħand il-parteċipanti sibt li barra l-bidla grammatikali; fejn aħna ż-Żwieten magħrufin għall-kelma 'manuċċa' li fil-Malti standard tfisser 'tajra', sibt li differenza oħra hija fit-tibdil tal-vokali. Mill-istess recordings ġbart għadd ta' kliem fejn bdejt nara xi tip ta' mudell. Fil-fatt l-aktar okkorrenzi li wieħed isib fit-tibdil tal-vokali bejn il-Malti standard u dak tad-djalett taż-Żejtun huwa meta fil-Malti standard ikollok il-vokali 'a' għaliex din ħafna drabi tinbidel f'e' bħal: taħseb vs teħseb iżda hemm drabi fejn il-vokali 'a' tal-Malti standard tinbidel f'u' bħal: m'għadhomx vs m'għudhomx. Tibdil ieħor tal-vokali huwa meta jkollok il-vokali 'o' fil-Malti standard li fid-djalett tinbidel għall- 'u' bħal ngħidu aħna borma vs burma. Dan it-tibdil li għadni kemm insemmi huwa wieħed mill-iktar frekwenti li jokkori bejn il-Malti standard u d-djalett Żejtuni għaliex imbagħad għandek okkorrenzi ta' tibdil vokaliku li m'huwiex daqstant popolari fi kliem Żejtuni u dan huwa meta jkollok il-vokali 'o' fil-Malti standard li jinbidel għall-vokali 'i' fid-djalett Żejtuni bħal pereżempju: 'nonqsu' vs 'ninqsu'. Fid-djalett Żejtuni jeżisti wkoll kliem fejn fih jinbidlulu żewġ vokali u mhux vokali waħda, bħal jekk nieħdu l-eżempju tal-kelma 'baħar' li biż-Żejtuni tingħad 'beħer'.

Din ir-riċerka ma kinitx tittratta biss it-tibdil fil-vokali, iżda rriċerkajt ftit dwar x'jaħsbu n-nies fuq id-djalett. Għalhekk lill-parteċipanti qassamtilhom kwestjonarju b'għadd ta' mistoqsijiet bħal: kif iħarsu lejn id-djalett, jekk iqisux lil xi ħadd li jitkellem bid-djalett bħala ta' livell edukattiv baxx jew pastaż u dwar x'jaħsbu li ser ikun il-futur tad-djalett Żejtuni.

Il-mod ta' kif inħarsu lejn id-djalett tar-raħal ta' fuq huwa differenti minn dak tar-raħal t'isfel. Fil-fatt tar-raħal t'isfel jorbtu d-djalett mal-identità tagħhom filwaqt li dawk tar-raħal ta' fuq iħarsu lejn id-djalett bħala xi ħaġa tal-passat. Xi wħud mill-kelliema djalettali li tkellimt magħhom waqt li kont qed nagħmel dan l-istudju ma ridux ikunu parti mir-riċerka għaliex bdew iħossuhom li ser jiġu ġġudikati dwar kif jitkellmu u dwar kif ser iħarsu lejhom nies li ma jitkellmux bid-djalett. Dawn in-nies li jitkellmu bid-djalett bdew jibżgħu li min ma jitkellimx bid-djalett kien ser iħares lejhom bħala nies bla edukazzjoni u għalhekk bdew jaħsbu li kienu ser jiġu ġġudikati. Mir-risposti li taw il-parteċipanti tar-raħal ta' fuq li nzertaw kienu parteċipanti li ma jitkellmux bid-djalett, ħareġ li fil-verità dawk li ma jitkellmux bid-djalett ma jqisux lill-persuni li jitkellmu bid-djalett bħala nies ta' livell edukattiv baxx, anzi fil-verità jieħdu gost jisimgħu lil xi ħadd li jitkellem bid-djalett. Min-naħa l-oħra, dawk li jitkellmu bid-djalett iħossuhom f'minoranza u li fil-verità jkunu jixtiequ li fil-preżenza ta' ħaddieħor jitkellmu bil-pulit jiġifieri bil-Malti standard sabiex ħaddieħor ma jqishomx ta' livell edukattiv baxx. Waqt li bdejt nanalizza r-risposti sibt ukoll li persuna li titkellem bid-djalett f'sitwazzjoni formali tipprova tirranġa l-varjetà djalettali li titkellem biha għall-varjetà standard sabiex taħbi l-fatt li hi titkellem bid-djalett iżda ma tantx jirnexxilhom jaħbu kull kelma djalettali u f'xi ħin jew ieħor jinqabdu li huma fil-verità kelliema djalettali. Dan il-fenomenu li wieħed jirranġa minn djalett għall-Malti standard ma bdietx b'mod riċenti għaliex fil-fatt fi studju li sar ftit taż-żmien ilu wkoll instab dan il-fenomenu; fejn persuna li titkellem bid-djalett jirranġa l-varjetà djalettali għal waħda standardizzata. Tajjeb li nżommu f'moħħna li mhux kulħadd jipprova jirranġa d-djalett għal Malti standard però jeżistu dawn il-każijiet ukoll. Fl-aħħar mill-aħħar nemmen li wieħed għandu juża l-varjetà li l-iktar li jħossu komdu biha.

F'dan l-istudju pruvajt nara jekk teżistix differenza

bejn id-djalett tar-raħal ta' fuq u dak tar-raħal t'isfel. Madanakollu li ġara kien li l-ebda parteċipanta mir-raħal ta' fuq ma titkellem bid-djalett għalhekk ma stajtx nistabilixxi jekk teżistix differenza fejn jidħol id-djalett bejn ir-raħal ta' fuq u dak t'isfel. Iżda tendenza li ħarġet waqt li kont qed inħejji dan l-istudju kien li l-maġġoranza ta' nies li jitkellmu bid-djalett ġejjin mir-raħal t'isfel. Għalkemm l-istudju li għamilt jien indika dan, ma jfissirx li fir-raħal ta' fuq m'hemmx nies li jitkellmu bid-djalett, iżda hemm inqas. Waqt li osservajt is-sessjonijiet ta' rrekordjar innutajt li dawk il-kelliema li jkellmu lil uliedhom bid-djalett huma qrib il-ħamsin sena, filwaqt li dawk li għandhom bejn tletin sena u ħamsa u erbgħin sena ħareġ li ħadd ma jkellem lil uliedu bid-djalett. Ovvjament, irridu dejjem inżommu f'moħħna li dawn huma tendenzi jiġifieri ma jfissirx li jekk tmur fir-raħal ta' fuq m'intix ser issib nies jitkellmu bid-djalett iżda ser issib inqas minn tar-raħal t'isfel. Għalfejn it-tfal tal-lum ma jitkellmux bid-djalett?:

Wieħed forsi jasal sabiex jistaqsi għalfejn kien hemm ommijiet li jkellmu lil uliedhom bid-djalett iżda t-tfal ma jitkellmuhx. Ovvjament, għalhekk wieħed jasal sabiex jistaqsi għalfejn dawn it-tfal ma jitkellmux bid-djalett jekk qegħdin ikunu esposti għalih. It-tweġiba tiegħi għal din il-mistoqsija huma żewġ fatturi prinċipali li huma: Pressjoni min-naħa tal-ħbieb (Peer Pressure) u l-lingwa Ingliża. Il-pressjoni min-naħa tal-ħbieb tista' tinfluwenza lit-tfal għaliex jekk individwu juri xi tip ta' djalett u sħabu jitkellmu bil-Malti standard, dawn tal-aħħar jistgħu jwaqqgħu għaż-żufjett lill-individwu li jitkellem bid-djalett. Għalhekk, bla ma jridu, jispiċċaw biex iwarrbu d-djalett u jaddottaw il-Malti standard. Dawn iż-żewġ elementi jinfluwenzaw lill-individwu sabiex jabbanduna d-djalett u jaddotta l-Malti standard. Raġuni oħra għalfejn id-djalett qed jiġi estint huwa l-fatt li llum il-ġurnata ħafna tfal qegħdin jiġu esposti għall-Ingliż minħabba li jqattgħu ħafna ħin fuq il-midja soċjali u għalhekk jispiċċaw sabiex jaddottaw il-lingwa Ingliża. Għalhekk mhux talli qed jintilef id-djalett u mhux jintiret minn fomm għall-ieħor talli sa ċertu punt it-tfal qegħdin iwarrbu l-lingwa materna u jaddottaw dik barranija.

**Konklużjoni:**

Bħala Maltin għandna nkunu kburin li għalkemm aħna gżira żgħira, missirjietna ssieltu sabiex aħna jkollna l-lingwa tagħna. Għalhekk nemmen li għandna nibżgħu kemm għall-Malti standard li xi drabi qed jeħodlu postu l-Ingliż u anki għad-djaletti. Aħna bħala Żwieten għandna nkunu kburin li għandna l-varjetà tagħna li fl-aħħar mill-aħħar qed tagħtina identità ta' Żwieten. Jekk forsi int xi wieħed li titkellem bid-djalett u forsi tistħi hekk kif tkun f'xi sitwazzjoni formali, nassigurak li m'għandekx għalfejn. Dan għaliex nies li ma jitkellmux bid-djalett japprezzaw din il-varjetà djalettali u jieħdu gost jisimgħu din il-varjetà. Fuq kollox, għandna nirrispettaw iż-żewġ varjetajiet għaliex jekk ma nissalvagwardjawhomx jispiċċaw biex jintilfu.



Nifirħu minn qalbna liż-Żejtunija u voluntiera ta' din is-Soċjetà, Lara Borg Falzon, li kkontestat fil-konkors 'Miss Supranational Malta 2018'. Nifirħu wkoll lil Żejtunija oħra li ħadet sehem fl-istess kompetizzjoni, Kerry Lynn Brydon.

Nifirħu liż-Żejtunija Francesca Mifsud, rappreżentanta ta' Beltna bħala Miss Żejtun fil-Miss Universe Malta u ġiet inkurunata rebbieħa. Wara hija rrappreżentat lill-gżejjer Maltin fl-akbar kuntest internazzjonali tas-sbuħija, Miss Universe 2018 fit-Tajlandja.




## Tal-Bully Fruit & Vegetables

Dr. Canataci Street, Żejtun

FREE DELIVERY

Mob: 9988 3454 • 9982 9119

Mon - 3.00pm - 7.00pm • Tue - 7.00am - 12.00pm / 4.00pm - 7.00pm
• Wed - 7.00am - 12.00pm • Thur - 3.00pm - 7.00p.m.
• Fri - 7.00am - 12:00am / 4.00pm - 7.00pm • Sat: 7.00am - 12:00pm